**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Jannar, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 383/2014 AF**

**Paul Attard u Joseph Attard**

**vs**

**Francis Xavier Gatt**

**Catherine Gatt**

**Anthony Gatt**

**Maria Brincat**

**Rita Gatt**

**u**

**Joseph Gatt bhala legittimi eredi tal-mejjet Dennis Gatt**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-sekwestrati Catherine Gatt, Anthony Gatt, Maria Brincat, Rita Gatt u Joseph Gatt li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti jaghmlu riferenza ghall-mandat hawn fuq indikat, kif ukoll ghad-digriet datat 6 ta' Ottubru 2011 fejn din il-Qorti llimitat l-ammont ikkawtelat ghal din il-vertenza ghas-somma ta' Eur 130,000.00.

L-esponenti jirrivelaw illi s-sekwestranti kienu talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1876/2005 fejn sussegwentement gew iddepozitati zewg cedoli mill-Bank of Valletta plc kif ukoll mill-HSBC Bank Malta plc rispettivament fl-ammont ta' Eur 91,171.67 kull wahda u cioè s-somma pretiza mis-sekwestranti ghal darbtejn.

Permezz ta' rikors numru 400/2010 AF l-esponenti talbu *inter alia* illi jigi revokat *in parte* l-mandat ta' sekwestru numru 1876/2005 u dan ghal dak li jirrigwardja l-flus mizmuma mill-HSBC Bank Malta plc.

Permezz ta' digriet datat 6 ta' Ottubru 2011, din il-Qorti irriteniet illi:

> *Fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami u fid-dawl tal-principju fuq citat, jirrizulta li jezistu c-cirkostanzi kontemplati fil-ligi u t-talba sabiex l-effetti tal-mandat jigu limitati hija gustifikata u parti mill-fondi depozitati mill-HSBC ghandhom jigu mehlusa sabiex l-ammont komplessiv depozitat ma jeccedix il-mija u tletin elf Ewro (€130,000).*

Wara tali digriet gie rilaxxjat l-ammont ta' Eur 52,343.35 mid-depoziti li kienu saru. Ghalhekk fil-prezenti permezz tac-cedola numru 1203/2006 u 1197/2006 (vide Dok. A u B), is-sekwestranti huma kkawtelati fl-ammont ta' mija u tletin elf Ewro hekk kif ordnat din il-Qorti permezz tad-digriet fuq citat.

Permezz tal-kontromandat numru 1592/06 (Dok. D) il-mandat ta' sekwestru originali (numru 1876/2005) tnehha mis-

sekwestranti, izda kontestwalment sar mandat ta' sekwestru iehor bin-numru 1593/06 (Dok. E) li ghadu fis-sehh, fejn gew indikati bhala sekwestratarji erba' Banek.

Nonostante l-fatt illi s-sekwestranti huma ben ikkawtelati u dan ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti datat 6 ta' Ottubru 2011, is-sekwestranti baqghu qatt ma pprezentaw il-kontromandati opportuni u ghalhekk l-esponenti ghadhom isofru pregudizzju kbir tant li meta gew biex jifthu kontijiet ma' Bank gdid, senjatament l-APS Bank, huma gew rinfaccjati bl-imsemmi mandat.

Ir-rikorrenti huma digà ben kawtelati fl-ammont likwidat minn din il-Qorti permezz tad-digriet summenzjonat.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tittratta dan ir-rikors b'urgenza; u

2. Tirrevoka, thassar u tikkancella in parte l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1593/2006 ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi ma zzommx l-imsemmi mandat fis-sehh fil-konfront tal-APS Bank Ltd,

u dana taht dawk il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Paul Attard li taqra hekk:

Preliminarjament jigi rilevat li din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet tas-6 ta' Ottubru 2011 atti Rik. Nru. 400/2010 AF kienet illimitat is-sekwestru numru 1876/2005 fl-ammont ta' €130,000 u dana stante li l-esponenti kienu wrew lill-Qorti li l-interessi sa dakinhar kienu telghu ghal €124.981.

Illum skond kif ccertifika l-accountant Simon Grixti tali imghaxijiet sal-21 ta' April 2014 telghu ghal €153.550 kif jirrizulta mill-anness Dok. A.

Ghalhekk is-sekwestru ghad hemm bzonnu sabiex jigu kawtelati l-pretensjonijiet tal-esponenti stante li s-sekwestru huwa l-unika mezz li ghandhom l-esponenti sabiex jaghmlu dan.

Ghalhekk il-pretensjoni taghhom sal-lum jammonta ghal Ewro 153.550 u galadarba l-konvenuti qed jaghzlu t-triq twila biex jithallsu l-esponenti tali imghaxijiet jakkumulaw li flimkien mal-ispejjez ta' dawn il-proceduri jakkumulaw ferm aktar mill-ammont li hemm depozitat il-Qorti.

Rilevat li l-artikolu 836(c) tal-Kap. 12 li fuqu qed jibbazaw it-talba taghhom ir-rikorrenti, jghid car u tond li l-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed. Jigi rilevat li l-ammont ta' €130,000 li hemm depozitati l-Qorti ma jaghmlux tajjeb ghall-imghaxijiet dovuti sal-lum u spejjez ohra tal-kawza. Fl-atti tar-rikors 464/2010 JA deciz 25 ta' Gunju 2010, *il-Qorti kienet irriteniet li tali garanzija ghandha tkopri s-sorte u l-ispejjez*.

L-istess fid-decizjoni tal-Imhallef JRM tal-25 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet Charles Mugliett vs Bonnici Saviour – "*il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li minghajr l-hrug tal-mandat, l-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli*".

F'dan il-kaz l-esponenti ghamlu mandat ta' sekwestru biss u huma ma jarawx li huma koperti aktar milli huwa mehtieg u dana ghar-ragunijiet hawn fuq esposti kif ukoll li sakemm tinqata' l-kawza tali somma depozitata zgur li tigi ezawrita fi spejjez, sorte u imghaxijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi dan ir-rikors sar abbażi tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kodiċi dwar Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi:

> *"836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun*

*harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin: ... (c) jekk jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni."*

Dwar din il-proċedura, il-Qorti tibda bill tirrileva li kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvedimenti tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Anthony Gové et u Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et, tal-10 ta' Mejju 2001 u 29 ta' Novembru 2001 rispettivament:

*"...mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu kollu jiġi nverstigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta` dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja."*

L-istess Qorti fil-provvediment fl-ismijiet Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti tas-27 ta' Ġunju 2002 qalet ukoll illi:

*"...fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa ovjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, għall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001". Vide wkoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" – tat-30 ta' Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr*

*R.C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-16 ta' Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia)."*

Finalment, fil-każ ta' Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et tat-3 ta' Lulju 2003 intqal li:

*"Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, però, ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali."*

It-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-artikolu 836(1)(c) tal-Kap. 12 li jitlob illi l-Qorti tkun sodisfatta li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestranti. Ir-rikorrenti jgħidu li s-sekwestranti huma ben ikkawtelati ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 2011 li kien jirrigwarda mandat ta' sekwestru ieħor maħruġ mill-istess sekwestranti fil-konfront tal-istess sekwestrati fejn din il-Qorti kienet sabet illi:

*"Fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami u fid-dawl tal-principju fuq citat, jirrizulta li jezistu c-cirkostanzi kontemplati fil-ligi u t-talba sabiex l-effetti tal-mandat jigu limitati hija gustifikata u parti mill-fondi depozitati mill-HSBC ghandhom jigu mehlusa sabiex l-ammont komplessiv depozitat ma jeccedix il-mija u tletin elf Ewro (€130,000)."*

Madanakollu, kif jgħidu r-rikorrenti stess, jirriżulta li l-mandat ta' sekwestru li dwaru kienet titratta d-deċiżjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 tneħħa mis-sekwestranti permezz tal-kontromandat bin-numru 1592/2006. Kontestwalment sar mandat ta' sekwestru ieħor bin-numru 1593/2006, li għadu fis-seħħ u li dwaru titratta d-deċiżjoni tal-lum. Permezz ta' dan il-mandat ġew indikati bħala sekwestratarji erba' banek. Isegwi għalhekk illi mhuwiex minnu li s-sekwestranti huma ikkawtelati a tenur tal-imsemmi digriet għaliex il-mandat li dwaru jirreferi m'għadx għandu effett.

Minkejja dan, mill-atti ta' dan ir-rikors jirriżulta li għal darb'oħra kemm is-sekwestratarji HSBC Bank Malta plc kif ukoll Bank of Valletta plc wieġbu li għandhom fondi biżżejjed sabiex jissodisfaw il-pretensjoni tar-rikorrenti u allura kull wieħed minnhom iddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti is-somma ta' LM39,140, illum €91,171.67.

Is-sekwestranti jwieġbu għat-talbiet tar-rikorrenti billi jgħidu li l-pretensjonijiet tagħhom jammontaw għall-€153,550 minħabba li l-imgħax għadu jiddekorri. Dan l-ammont ikopri sal-21 ta' April 2014 skont ma ġie ċċertifikat mill-*accountant* Simon Grixti inkarigat mis-sekwestranti. Din il-Qorti tgħid illi ma dan l-ammont għandu jitqies ukoll l-imgħax sal-lum.

Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, il-Qorti tinnota li t-talba tar-rikorrenti hija sabiex il-mandat de quo ma jibqax fis-seħħ fil-konfront tal-APS Bank Limited biss. Peress li fil-fehma tal-Qorti jirriżulta li mill-fondi depożitati mill-HSBC Bank Malta plc u mill-Bank of Valletta plc huma biżżejjed sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet tas-sekwestranti bl-imgħax sal-lum, it-talba tar-rikorrenti hija xorta waħda ġustifikata.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti billi tirrevoka, tħassar u tikkanċella in parte l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1593/2006 ai termini tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi ma żżommx l-imsemmi mandat fis-seħħ fil-konfront tal-APS Bank Limited.

Spejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG